**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2020**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 1101/2019**

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr Yanika Bugeja u P.L. Jean Pierre Busuttil kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Elfarouk Commerce International Ltd. nominati b'digriet tal-14 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-15 ta' Novembru 2019 li jghid hekk:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben (740 pairs sports shoes) ta' "Puma" liema oggetti huma ta' kwalita inferjuri u ghandhom "security features" li jikkontjenu informazzjoni falza.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti (740 sports shoes) spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container SEGU5025525 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghall-azzjoni ta' danni.

Rat li l-kuraturi deputati gew notifikati fis-27 ta' Jannar 2020 u huma fi stat ta' kontumacja.

Rat l-atti, id-dokumenti kollha tal-kawza u semghet lid-difensur tas-socjeta attrici

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks f'Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru SEGU5025525 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM LEO li kien diehel Malta fit-13 ta' Lulju 2019 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja kontenenti f'mija u sitta u tletin (136) kaxxa b'total ta' elfejn seba' mija u ghoxrin (2,720) pari zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport

datat 8 ta' Novembru 2019 (Dok. C fol. 7) maghmul min Juliana Fuchs, rapprezentanta tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Raymond Caruana datat 31 ta' Jannar 2020 (fol. 23) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Juliana Fuchs li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma a karigu tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'mija u sitta u tletin (136) kaxxa b'total ta' elfejn seba' mija u ghoxrin (2,720) pari zraben sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru SEGU5025525 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lil konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati u tal-ispejjez tal-Ufficjal tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' Raymond Caruana (fol. 24);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur